# Agħti spinta lill-għarfien tiegħek dwar il-boosters tal-vaċċini



## X’inhuma l-boosters?

**Il-boosters huma dożi addizzjonali ta’ vaċċin mogħtija wara t-tilqima inizjali biex “jagħtu spinta” lis-sistema immunitarja u jsaħħu l-immunità.**

Dawn id-dożi addizzjonali jgħinu biex tinżamm il-protezzjoni kontra l-mard maż-żmien.

## Għaliex huma meħtieġa l-boosters?

### Biex iżżomm l-immunità tiegħek

Xi vaċċini jipprovdu immunità li tonqos maż-żmien, magħrufa bħala “immunità li qed tonqos”. Imbagħad jiġu rrakkomandati d-dożi booster f’intervalli regolari matul l-adolexxenza u l-ħajja adulta, biex tinżamm l-immunità fuq perjodu itwal.

**Vaċċini li jistgħu jkunu jeħtieġu boosters:**

- id-difterite
- it-tetnu
- pertussis (is-sogħla konvulżiva)



## Min għandu bżonn booster?

### Adulti

Il-boosters jgħinu biex tinżamm l-immunità.

### Persuni akbar fl-età

Peress li l-immunità tiddgħajjef bl-età, il-persuni akbar fl-età jista’ jkollhom bżonn boosters għal ċerti vaċċini.

### Nisa tqal

Xi vaċċini, bħal dik tas-sogħla konvulżiva (pertussis), huma rrakkomandati waqt it-tqala biex jipproteġu kemm lill-omm kif ukoll lit- tarbija.

### Individwi immunokompromessi

Dawk b’sistemi immunitarji dgħajfa jista’ jkollhom bżonn boosters għal protezzjoni addizzjonali.

## Kif jaħdmu l-boosters?

Il-vaċċini jintroduċu antiġeni (verżjonijiet inattivati jew imdgħajfa ta’ viruses jew batterji) fis-sistema immunitarja. Wara li tirċievi d-doża inizjali, is-sistema immunitarja “tiftakar” lill-marda.

**Doża booster taġġorna lil din il-memorja.**







Meta darb’oħra tiġi f’kuntatt ma’ dak il-virus jew il-batterju, is-sistema immunitarja tiegħek tagħrfu, u malajr tipproduċi l-antikorpi speċifiċi biex toqtlu – u b’hekk tnaqqas ir-riskju li inti timrad serjament.

**Ikkuntattja lill-fornitur tal-kura tas-saħħa tiegħek biex tibbukkja t-tilqim tiegħek.**

**It-tilqim jista’ jipproteġi lilek stess u lill-oħrajn minn mard serju.**

Skennja l-kodiċi QR biex titgħallem aktar fil-Portal Ewropew ta’ Informazzjoni dwar it-Tilqim

vaccination-info.europa.eu/en


PORTAL EWROPEW TA’ INFORMAZZJONI DWAR IT-TILQIM
Inizjattiva tal-Unjoni Ewropea